# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Jannar, 2018**

**Numru 6**

**Rikors Numru 1030/17TA**

**Emanuel Micallef u Marica Micallef**
**(ID No. 598464M u 235369M rispettivament)**

**vs**

**Vincent Xuereb (ID No. 82266M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' l-Atturi prezentat fit-13 ta' Novembru, 2017 u minnhom mahluf fis-6 ta' Ottubru, 2017, li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi l-konvenut Vincent Xuereb bil-karta tal-identita` numru 82266M huwa debitur a favur l-esponenti l-konjugi Micallef ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000);

2. Illi fit-28 ta' Marzu 2017 l-partijiet iffirmaw bejniethom kostituzzjoni ta' debitu, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument A, fejn l-istess Vincent Xuereb fl-istess ammont ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000);

3. Illi a tenur tal-istess skrittura l-istess somma kellha tithallas f'pagamenti mensili ta' hames mitt Ewro (€500) izda minkejja diversi weghdi ta' pagamenti, il-konvenut dejjem baqa' inadempjenti;

4. Illi ai termini tal-iskrittura fin-nuqqas ta' pagamenti, il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u flimkien mal-ammont ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) huma dovuti kif ukoll l-interessi ta' sitt mitt Ewro (€600) fuq l-istess somma;

5. Illi l-atturi jidhrilhom illi a bazi tas-suriferita skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu dan id-dejn huwa wiehed, cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti kontra din it-talba u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu Tnax tal-Ligijiet ta' Malta);

6. Illi dan ir-rikors u l-kontenut tieghu qed jigu kkonfermati bil-gurament mill-atturi Emanuel Micallef u Marica Micallef (ID No. 598464M u 235369M rispettivament) li ghandhom konoxxenza proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

i. tiddispensa bis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. tiddikjara lill-konvenut veru, cert u likwidu debitur versu l-atturi tas-somma ta' hmistax-il elf u sitt mitt Ewro (€15,600) u dan skont l-iskrittura datata 28 ta' Marzu 2017 (vide Dok A);

iii. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' hmistax-il ef u sitt mitt Ewro (€15,600) hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi tal-Mandati Kawtelatorji ta' Sekwestru u ta' Inibizzjoni prezentati kontestwalment kontra l-konvenut bl-imghax sal-pagament effettiv, bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lix-xhieda fost ohrajn dik tal-Konvenut fl-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2018;

Rat li l-Konvenut fl-imsemmija udjenza ammetta t-talbiet attrici u ghalhekk wera lill-Qorti li ma kellux eccezzjonijiet x'jaghti fil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel talba attrici b'dan li l-kawza giet trattata bid-dispensa tas-smiegh;

**Tilqa'** t-tieni talba u tiddikjara lill-konvenut veru, cert u likwidu debitur versu l-atturi tas-somma ta' hmistax-il elf u sitt mitt Ewro (€15,600) u dan skont l-iskrittura datata 28 ta' Marzu 2017;

**Tilqa'** t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' hmistax-il elf u sitt mitt Ewro (€15,600) hekk likwidata, u dan bl-imghaxijiet legali kif mitlub.

**Spejjez** tal-kawza inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji ta' Sekwestru u ta' Inibizzjoni prezentati kontestwalment mal-kawza, a` karigu tal-konvenut.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**